



# EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

March 2022 | MT

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

## EDITORJAL



## Il-pa' i hija l-unika ?lieda ta' min ji??ilidha

**Il-gwerra fl-Ukrajna pprovditilna tfakkira brutali tal-iskop inizzjali tal-ħolqien tal-UE - iż-żamma tal-paċi fit-tul fil-kontinent. Sfortunatament, irnexxielna ninsewh dal-iskop. F'ċertu punt, in-narrattiva Ewropea tal-paċi ma baqgħetx attraenti, speċjalment għall-ġenerazzjoni żagħżuġha. Issa, qed nitgħallmu għal darb' oħra li, fi kliem Albert Camus, "il-paċi hija l-unika ġlieda ta' min jiġġilidha" u li rridu nkomplu għaddejjin bl-isforzi tagħna biex inġibu bidla fejn hi meħtieġa.**

L-invażjoni Russa tal-Ukrajna ġabet lura l-agħar f'hemmar il-lejl tas-seklu għoxrin - il-gwerra fil-kontinent Ewropew. L-integrità territorjali ta' pajjiż qed terġa' tiġi ddubitata. Dan l-aġir iġib miegħu r-riskju ta' karestija u ġenoċidju. L-aggressjoni Russa tmur kontra dak kollu li huwa "Ewropew" u dak kollu li huwa

"demokratiku", u l-Ewropa ma tistax u mhux se tittolleraha. Il-paċi hija l-pedament tal-Unjoni Ewropea. Din l-unjoni kienet imsejsa fuq il-poter tal-liġi mhux fuq il-liġi tal-poter.

Għaxar snin ilu, l-Unjoni Ewropea ngħatat il-Premju Nobel għall-Paċi bħala rikonossiment għal aktar minn 60 sena ta' paċi, rikonċiljazzjoni u demokrazija. L-UE għandha tkompli tkun gwardjana, u ssir saħansitra gwardjana aktar b'saħħitha, tal-paċi u d-demokrazija fuq art Ewropea u lil hinn.

L-akbar sfida għall-Ewropa issa hija l-gwerra u l-konsegwenzi tagħha - il-migrazzjoni, aktar inflazzjoni, prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew u l-ħtieġa għall-militarizzazzjoni. Madankollu, għad hemm sfidi li kienu jeżistu qabel, bħall-COVID-19, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jew il-bini tal-awtonomija strateġika tal-Ewropa. Jeħtieġ li nindirizzaw dan kollu u nibqgħu ngħinu lill-ġirien tagħna - il-poplu Ukren. F'dan il-kuntest, nilqa' l-konklużjonijiet tas-sommit informali tal-UE f'Versailles, li jirriflettu r-rakkomandazzjonijiet tal-KESE biex titwaqqaf immedjatament l-azzjoni militari fuq l-art tal-Ukrajna, biex jiġu protetti n-nies fl-Ukrajna u r-refuġjati tal-pajjiż u biex tissaħħaħ l-awtonomija tal-Ewropa, b'mod partikolari fis-settur tal-enerġija.

Dawn mhumiex żminijiet faċli, speċjalment peress li għadna nħossu l-għeja ta' wara l-COVID-19 u l-lockdowns riċenti. Madankollu, jeħtieġ li nżommu l-ispirtu attwali ta' unita'. Punt wieħed għalija huwa ċert: demokrazija reżiljenti tibni s-saħħa u l-vitalità tagħha minn dak li l-Griegi jsejġu "demos" - il-poplu, kemm impjegaturi, kemm ħaddiema jew ċittadini b' mod ġenerali! Magħqudin biss nistgħu nibnu l-futur Ewropew tagħna.

Għadna kemm sibna r-rabta emozzjonali u s-sens ta' sjieda tal-proġett Ewropew li dan l-aħħar ilna neqsin - IL-PAĊI.

**Christa Schweng**  
**President tal-KESE**

## DATI TAD-DJARJU

31 ta' Marzu 2022 - 1 ta' April 2022, Brussell (avveniment virtwali)

### L-Ewropa Tiegħek, Leħnek! 2022

31 ta' Marzu 2022, Brussell (avveniment virtwali)

### L-isfidi tas-saħħa fl-UE fil-kuntest tal-pandemija

8 ta' April 2022, Brussell

### Impjieg ta' żgħażaġħ b'diżabbiltà

7 ta' Mejju 2022, Brussell (avveniment virtwali)

### Jum l-Ewropa 2022



S?AWEK KAMINSKI / GW

## MILL-UKRAJNA FIT-TRIQ LEJN...

Nistgħu naraw l-istorja traġika tal-Ukrajna tiżvolġi quddiem għajnejna, bis-saħħa tal-ħidma bla heda u erojka tal-ġurnalisti, il-fotografi u l-operaturi tal-kameras li jmorru fejn ma nistgħux immorru aħna. Wieħed minn dawn, il-fotografu Pollakk Sławek Kamiński, bagħatilna r-ritratti tiegħu mill-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Polonja, Rzeszów u Medyka-Shehyni.

Illum qed nippublikaw l-ewwel wieħed minnhom mill-fruntiera Pollakka-Ukrajna. Grazzi tal-mumentu maqbuda fir-ritratt.

**Sławek Kamiński:** Fotoġurnalista għal Gazeta Wyborcza. Rebbieħ ta' diversi premijiet u distinzjonijiet f'kompetizzjonijiet prestiġjużi tal-fotografija tal-istampa. Rebbieħ tal-Gran Premju - Ritratt tas-Sena fil-kompetizzjoni Fotografika tal-2019 ta' Grand Press Photo. L-arkivju tiegħu huwa rekord sħiħ tal-bidliet politiċi fil-Polonja matul dawn l-aħħar 30 sena. Xogħlu ġie ppubblikat fil-biċċa l-kbira tal-gazzetti Pollakki u ħafna titli u kotba tal-istampa barranin. Huwa ħa sehem ukoll fi proġetti ewlenin ta' reklamar. Tistgħu taraw ir-ritratti tiegħu tal-aħbarijiet fuq Wyborcza.pl u Reuters.

Photo: [@instagram slawekkaminski.pl](https://www.instagram.com/slawekkaminski.pl)



## IL-MISTIEDEN SORPRIŻA

**Kull xahar, fil-kolonna tagħna “Il-Mistieden Sorpriża”, nintroduċu personalità li ħidmitha u l-impenn tagħha huma ta’ ispirazzjoni għal oħrajn. B’mod partikolari l-kuraġġ, il-karattru sod u d-determinazzjoni tagħhom biex jieħdu azzjoni huma eżemplari.**

Fil-KESE Info ta’ dax-xahar, nagħtu l-kelma lil **Sławek Kamiński**, fotografu għall-gazzetta Pollakka Gazeta Wyborcza, biex jaqsam magħna r-ritratti li ħa fil-fruntiera tal-Ukrajna mal-Polonja.

Qed iseħħu xeni simili f’postijiet oħra peress li l-Ukreni qed jaqsmu l-fruntieri lejn diversi pajjiżi Ewropej: il-Polonja, l-Ungerija, is-Slovakkja, ir-Rumanija u l-Moldova.

Għalkemm huwa fotografu tal-esperjenza li kemm il-darba ra traġedji umani, Sławek Kamiński qal li ħass dieqa f’qalbu meta ra lill-ommijiet u t-tfal Ukreni deħlin il-Polonja, f’Rzeszow, Przemyśl, u Medyka-Szeginie, u

kellhom isellmu lill-irġiel u lill-missirijietom li kellhom imorru lura pajjiżhom biex jiġġieldu.

Hekk kif l-istorja traġika tal-Ukrajna qed tiżvolġi quddiemna, huwa bis-saħħa tal-ħidma bla heda u erojka tal-ġurnalisti, il-fotografi u l-cameramen bħal **Sławek Kaminski**, li jmorru fejn aħna ma nistgħux, li nsiru nafu dwar x’qed jiġri fuq il-post u s-sitwazzjoni traġika tan-nies fi gwerra. Huwa bis-saħħa tagħhom li nibqgħu aġġornati u li nimmobilizzaw ruħna biex inkunu ta’ għajjnuna.

**Sławek Kaminski** huwa r-rebbieħ ta’ bosta premji u unuri ta’ kompetizzjonijiet prestiġġjużi tal-fotografija għall-istampa. Rebaħ il-Premju l-Kbir – Ir-ritratt tas-Sena fil-kompetizzjoni Grand Press Photo tal-2019. Ilu aktar minn 30 sena jiddokumenta l-bidliet politiċi fil-Polonja permezz tal-kamera tiegħu. Ix-xogħol tiegħu ġie ppubblikat fil-biċċa l-kbira tal-mezz u l-pubblikazzjonijiet tal-istampa Pollaki u f’ħafna barranin. Huwa ħa sehem ukoll fi proġetti ewlenin ta’ reklamar. Ir-ritratti tal-aħbarijiet tiegħu jidhru fuq Wyborcza.pl u Reuters. (ll/ehp)

---



## S?AWEK KAMINSKI: BORDER

**Is-Sibt 26 ta' Frar 2022 fil-5 a.m., b'mod għal kollox spontanju, tlaqt lejn il-fruntiera flimkien ma' kollega. L-invażjoni Russa tal-Ukrajna kienet ilha għaddejja jumejn.**

**Vjaġġi bħal dawn huma l-ħobża ta' kuljum għal kwalukwe fotografu ta' esperjenza, iżda l-eċċitament qatt ma jitlaq. Qed insuqu fid-dlam, lejn Przemyśl. Fi triqtna jispiċċalna l-karburant, ħafna nies konfużi, daqsxejn ta' paniku.**

Jirnexxielna. L-ewwel il-punt ta' qsim tal-fruntiera f'Medyka. Serbut twil ħafna ta' karożżi, ħafna karożżi pparkjati. Ħafna nies miġbura jistennew qrafa u ħbieb.

Dan huwa l-ewwel grupp. Rajt minn kollox f'ħajti iżda din ix-xena ħallietli għoqla f'grizmeġja. Ommijiet żgħażaġħ mexjin. Kull waħda qed timbotta pramm, tkaxkar bagalja jew iżżomm id tifel jew tifla. Qed jiġu meġġuna mill-gwardji tal-fruntiera Pollakki. Huma kommossi.

Kollox għandu xeħta daqsxejn differenti milli kellu fil-fruntiera l-oħra, mhux tant żmien ilu. Hawnhekk, dawk għadhom jaslu huma milqugħa b'ferħ, bid-dmugħ f'għajnejhom. Il-ħbieb jew il-familja jieħdu dawn in-nisa żgħażaġħ fil-karożżi tagħhom stess. Issa huma sikuri. Mhux 'il bogħod, fil-fatt fil-bieb biswit, hemm ġemgħa ċittadini Ukreni li jixtiequ jirritornaw lejn pajjiżhom. Fil-biċċa l-kbira huma rġiel. Se jiġġieldu kontra l-għadu.

Umbagħad nitlaq lejn il-punt ta' qsim tal-fruntiera f'Korczowa. Filgħaxija, l-istazzjoni tal-ferrovija f'Przemyśl u l-punt ta' riċeviment fil-hypermarket.

U nkomplu għal tlett ijiem.

Kull darba differenti. Aktar u aktar refuġjati u aktar u aktar nies li jixtiequ jgħinu. U qed jgħinu. Is-sitwazzjoni tidher li hija taħt kontroll. Il-ħwienet qed jaħdmu, hemm l-elettriku u, għalissa, tista' ċċempel kullimkien. Il-munzelli ta' ħwejjeġ u ta' ikel qed jikbru. Kollox se jkun utli. Iżda l-aħbarijiet li qed jaslu mill-front dejjem qed jeħżienu.

Fi triqtna lura tgħaddina kolonna twila ta' vetturi militari. Is-sitwazzjoni hija serja. Wara kollox, hemm gwerra vera ftit lil hinn mill-fruntiera.

Hemm iktar u iktar refuġjati mill-Ukrajna. Ilhom li qabżu l-miljun ruħ.

Il-biċċa l-kbira tagħhom qed jivvjaħħaw lejn bliet kbar. Hemmhekk jgħixu fi stazzjonijiet tal-ferrovija, stadji u ċentri tal-kura.



## MISTOQSIIJA LIL...

Fir-rubrika tagħna “Mistoqsija lil ...”, il-membri al-KESE **Javier Doz** iwieġeb mistoqsija mill-KESE info dwar il-kompiti l-iżjed importanti fl-2022 għall-Grupp tas-Semestru Ewropew, li tiegħu huwa l-president.

***KESE: Inti l-President tal-Grupp tas-Semestru Ewropew. Liema huma l-aktar kompiti importanti għall-Grupp din is-sena?***



## JAVIER DOZ: IL-?IDMA TAL-GRUPP TAS-SEMESTRU EWROPEW

**Il-Grupp tas-Semestru Ewropew (GSE) jinkludi 42 membru, presidenza magħmula minn tliet persuni - b'Luca Jahier (Grupp III) u Gonalo Lobo (Grupp I) bħala vii presidenti - u segretarjat ta' tliet persuni mmexxi minn Jakob Andersen bl-għajna ta' trainee. L-istruttura tiegħu hija kompletata b'27 delegazzjoni nazzjonali tripartitika li jinkludu 39 membru ieħor.**

L-isem tal-Grupp jiddefinixxi sew il-mandat tiegħu: li janalizza l-governanza ekonomika tal-UE, il-proċeduri u l-kontenut tagħha, inklużi l-fażijiet li jseħħu fil-livell nazzjonali, u li jfassal Opinjonijiet f'dan ir-rigward. Mid-diversi dokumenti li jiffurmaw il-pakketti tas-Semestru tal-ħarifa u tar-rebbiegħa, il-GSE isegwi mill-qrib sew l-Istrateġija Annwali għal Żvilupp Sostenibbli u ż-żewġ Opinjonijiet (inizjali u addizzjonali) li l-Kumitat jadotta kull sena dwar l-Istrateġija. Il-Grupp jorganizza ħames laqgħat fis-sena, u laqgħa minnhom hija konferenza miftuħa li normalment issir f'Mejju jew unju.

Il-mandat attwali tal-GSE beda waqt il-pandemija tal-COVID-19 u b'rispons tal-UE biex ikun hemm bidla fundamentali fil-mudell tal-politika ekonomika li ie adottat fil-kriżi tal-2008-2012: taħlita ta' politiki monetarji u fiskali espansjonarji u pjan ta' rkupru ta' EUR 750 000 biljun, iffinanzjat mid-dejn Ewropew. Il-ħidma tal-GSE minn dak iż-żmien 'il hawn

iffukat fuq l-analiżi tan-*NextGenerationEU* u l-Pjani Nazzjonali relatati għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Dan saħħaħ ir-rwol tad-delegazzjonijiet nazzjonali tal-Grupp, li qed jaqdu rwol ewlieni fit-tfassil taż-żewġ Riżoluzzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-KESE dwar il-pjani ta' rkupru. L-ewwel waħda, adottata fis-sessjoni plenarja tal-KESE fi Frar 2021, iffokat fuq il-valutazzjoni tal-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-abbozzar tal-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq l-opinjoni tad-delegazzjonijiet nazzjonali, miġbura permezz ta' sħarriġ li kien jinkludi ħames mistoqsijiet, u fuq diversi dibattiti nazzjonali. Ir-Riżoluzzjoni kkritikat il-fatt li, minkejja d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kienet eneralment baxxa u ta' kwalità baxxa.

Bħalissa, il-GSE u d-delegazzjonijiet nazzjonali tiegħu qed iħejju Riżoluzzjoni dida, li għandha tiġi diskussa fis-sessjoni plenarja ta' Mejju, li tivvaluta l-kontenut tal-pjani, l-impatt tagħhom fuq l-ekonomija u s-soċjetà u l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tagħhom. Din id-darba l-istħarriġ jinkludi 21 mistoqsija. Barra minn hekk, se jitqiesu wkoll il-konklużjonijiet tal-laqgħat ta' diskussjoni li saru, bħaż-żewġ konferenzi nazzjonali organizzati b'mod konġunt mal-KES nazzjonali fiż-żewġ pajjiżi li se jirċievu ammont akbar ta' fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Spanja u l-Italja. Bħala qafas ta' referenza se jintużaw il-valutazzjonijiet ewlenin tal-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza li qed jitwettqu mill-gruppi ta' riflessjoni Ewropej, kif ukoll id-data pprovduta minn Recover-EC.

Ladarba titlesta l-ħidma fuq it-tnejn tat-tieni Riżoluzzjoni, il-ħidma tal-Grupp se tiffoka fuq ir-riforma tas-Semestru Ewropew u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' investiment biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u, b'mod partikolari, dawk meħtieġa għat-tranżizzjoni usta għal ekonomija ekoloġika b'newtralità klimatika fl-2050. Ir-riforma tal-proċeduri tas-Semestru Ewropew, marbuta mar-riforma tal-Patt ta' Stabbiltà

u Tkabbir, ser tkun is-suġġett ta' diskussjoni fil-konferenza li jmiss tal-GSE li se ssir fit-3 ta' Ġunju. Sabiex jiġu analizzati l-ħtiġijiet ta' investment tal-Patt Ekoloġiku, il-GSE ser jipproponi li s-Sezzjoni ECO, flimkien mas-Sezzjoni NAT, jorganizzaw konferenza fl-aħħar kwart tas-sena.

Se nikkonkludi billi ngħid li, fix-xhur li ġejjin, il-GSE żgur se jkollu jindirizza l-konsegwenzi ekonomiċi tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u tas-sanzjonijiet adottati mill-UE biex tindirizzahom. Se jkollu jħeġġeġ ukoll il-kisba mill-ġdid tas-sovranità tal-pajjiż ġar tagħna, parti mill-familja tagħna.

*Javier Doz*

*Il-President tal-Grupp tas-Semestru Ewropew*

---

## NEW PUBLICATIONS



### [Dritt għall-punt](#)

Fir-rokna tagħna “Dritt għall-punt” nistaqsu lill-membri tal-KESE biex jenfasizzaw l-aspetti tal-Opinjoni li huma jqisu importanti. Din id-darba tlabna lil Ozlem Yildirim biex tispjegalna l-isfidi li jirriżultaw mir-rabtiet bejn il-protezzjoni ambjentali u d-drittijiet fundamentali.



### [Ozlem Yildirim: Ir-rikonoxximent tad-dritt għal ambjent san b'ala dritt fundamentali](#)

Fid-dawl tal-fatt li d-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima għandhom impatt dirett u indirett fuq firxa ta' drittijiet fundamentali (bħad-dritt għall-ħajja, id-dritt għas-saħħa jew id-dritt għall-edukazzjoni), il-KESE għall-ewwel darba indirizza din l-interkonnettività ċara fejn hemm il-periklu li teqred il-progress li sar f'dawn l-aħħar deċennji f'termini ta' żvilupp, saħħa globali u tnaqqis tal-faqar.

Ir-Rapport ta' Informazzjoni dwar “Il-protezzjoni ambjentali bħala prerekwiżit għar-rispett tad-drittijiet fundamentali” ta l-opportunità li jiġu indirizzati kwistjonijiet kruċjali, b'mod partikolari d-dritt għal ambjent san bħala dritt fundamentali. Bħala l-awtur ta' dan ir-rapport, nixtieq nenfasizza li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) tqis it-tniġġis tal-arja bħala l-akbar riskju għas-saħħa ambjentali fl-Ewropa. Dan it-tniġġis, li jipperikola serjament is-saħħa tal-bniedem, jinvolve wkoll spejjeż

ekonomiċi konsiderevoli peress li jwassal għal spejjeż mediċi ogħla, produttività aktar baxxa, b'mod partikolari minħabba għranet ta' xogħol mitlufa, u rendimenti agrikoli aktar baxxi. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, nilqgħu l-emerġenza ta' dritt tal-bniedem għid: id-dritt għal ambjent san, sigur u sostenibbli.

Skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), madwar 1,2 biljun impjieg (40 % tal-impjieg globali) jiddependi minn ambjent b'saħħtu. L-istress mis-sħana se jnaqqas is-sigħat tax-xogħol fid-dinja bi 2 % fl-2030, li jirrappreżenta 72 miljun impjieg. It-tniġġis u d-degradazzjoni ambjentali se jkollhom impatt fuq il-produttività, is-saħħa, l-introjti u s-sigurtà tal-ikel tal-ħaddiema.

Huwa għalhekk li r-Rapport ta' Informazzjoni juri li l-UE għandha taġixxi bħala msieħeb affidabbli fix-xena internazzjonali billi ssaħħaħ u timplimenta leġislazzjoni li tintegra approċċ olistiku bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-azzjoni klimatika u ambjentali biex tiggwida l-politiki u l-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, filwaqt li tiproteġi d-drittijiet ta' kulħadd. B'mod speċjali, l-UE trid tkun konsistenti u tagħti aktar attenzjoni lill-ftehimiet kummerċjali.”

Fost sensiela sħiħa ta' proposti mmirati biex jiżguraw li l-azzjonijiet tal-UE dwar il-klima jkunu ċċentrati fuq id-drittijiet fundamentali, dan ir-rapport jirrakkomanda b'mod partikolari l-adozzjoni ta' strateġija interdixxiplinarja preċiża u kkoordinata kif ukoll il-ħtieġa li titlesta l-proċedura ta' adeżjoni tal-Unjoni mal-KEDB. Fl-aħħar nett, il-KESE jappella għall-adozzjoni ta' leġislazzjoni Ewropea, magħrufa bħala l-“liġi kontra Kawża Strateġika Kontra l-Parteċipazzjoni Pubblika”, biex jiġu miġġielda proċeduri legali abbużivi mmirati biex isikkta lil whistleblowers, ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet jew osservaturi oħra tal-ħajja pubblika sabiex jinkiseb livell għoli u uniformi ta' protezzjoni madwar l-Ewropa.

**Ozlem Yildirim, membru tal-KESE u viċi president tal-Grupp dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt**

---

## A?BARIJET TAL-KESE

## L-Ewropa mhijiex sikura ming?ajr Ukrajna sikura u sigura



**F'dibattitu spontanju mibdi mill-President tal-KESE Christa Schweng matul is-sessjoni plenarja ta' Frar, il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ikkundannaw l-invażjoni mhux ġustifikata u mhux provokata tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa. Il-membri tal-KESE esprimew is-solidarjetà tagħhom mal-poplu Ukren u appellaw għal azzjonijiet sodi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali fi spirtu ta' unità f'dan iż-żmien drammatiku.**

Hija u tiftaħ id-dibattitu, il-President **Christa Schweng** enfasizzat in-natura kritika ta' din is-sitwazzjoni għall-Ewropa u qalet: "Illum rajna aggressjoni fuq l-għatba tal-UE. Mossa bħal din tikkostitwixxi ksur sfaċċat tad-dritt internazzjonali u tal-ftehimiet internazzjonali, inklużi l-ftehimiet ta' Minsk. F'dawn is-sigħat, il-ħsibijiet tagħna huma mal-Ukrajna u s-soċjetà ċivili tagħha, u man-nisa, l-irġiel u t-tfal innoċenti huma u jiffaċċjaw dan l-attakk mhux provokat u biża' għal ħajjithom. L-Ewropa jeħtiġilha tappoġġja lill-Ukrajna u s-soċjetà ċivili tagħha!", qalet il-President Schweng.

**Stefano Mallia**, President tal-Grupp ta' Min Iħaddem, enfasizza li: "L-UE hija ċertament magħquda f'xewqa għal azzjoni soda. Jien kont hemm fil-Pjazza Maidan u ħaġa li niftakar b'mod ċar hija x-xewqa kbira tas-soċjetà ċivili li tkun parti mill-Ewropa, li tkun parti mill-UE. L-Ukrajna ma tistax tiġi abbandunata. Irridu nkunu lesti li nġarrbu l-prezz tal-isforzi u l-azzjonijiet li jridu jittieħdu."

**Oliver Röpk**e, President tal-Grupp tal-Ħaddiema, żied jgħid ukoll li: "Issa huwa l-mument biex nesprimu l-oppożizzjoni tagħna u ngħidu b'mod ċar li l-Ewropa qatt mhi se tippermetti dan. Irridu nkunu magħqudin, insibu soluzzjoni għal din l-aggressjoni u nibqgħu spalla ma' spalla f'solidarjetà sħiħa mal-poplu tal-Ukrajna".

Fl-istess spirtu, **Séamus Boland**, President tal-Grupp Diversità Ewropa, esprima l-appoġġ tiegħu: "Qegħdin fix-xifer u rridu nilħqu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Ukrajna. Fuq kollox, l-UE jeħtiġilha tibqa' magħquda u turi solidarjetà mal-ġirien tagħna".

Il-President tas-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni tal-KESE, **Dimitris Dimitriadis**, qal li l-KESE se jagħmel l-almu tiegħu biex ikompli jappoġġja lis-soċjetà ċivili Ukrena permezz tal-mezzi stabbiliti sew tagħna, bħall-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili UE-Ukrajna, u permezz tal-kuntatti bilaterali tagħna. (at)



## Politika industrijali: is-sostenibbiltà trid timxi id f'id mal-kompetittività u l-awtonomija strateġika

Jeħtieġ li l-UE tivvaluta mill-ġdid il-prijoritajiet tal-politika industrijali tagħha fid-dawl tal-pandemija u l-kunflitt fil-fruntiera tal-Lvant tal-Ewropa. Dan huwa l-messaġġ li ħareġ mill-konferenza dwar “Futur sostenibbli għall-industrija Ewropea” ospitata mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fl-4 ta' Marzu 2022, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u l-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Waqt li fetħet il-Konferenza, il-President tal-KESE, **Christa Schweng**, enfasizzat il-ħtieġa għal approċċ kooperattiv għat-tfassil tal-politika industrijali tal-UE: “Irridu naħdmu fi sħubija mal-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi, u l-imsieħba soċjali meta nibnu futur sostenibbli għall-industrija tal-UE. F'dan il-proċess, ma rridu nħallu lil ħadd jibqa' lura”.

Filwaqt li l-UE għadha qed tindirizza l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, l-avvenimenti drammatiċi fl-Ukrajna xokkjaw il-kontinent. Il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea, **Margrethe Vestager**, qalet li “l-industriji tal-Ewropa jridu jnaqqsu d-dipendenza unilaterali fuq l-oħrajn. Irridu inħarsu wkoll is-Suq Uniku minn influwenza esterna, kemm jekk fil-forma ta' sussidji barranin distorsivi jew tentattivi ta' koerċizzjoni minn gvernijiet barranin.”

Il-parti l-kbira tal-kelliema raw il-kunflitt bħala argument qawwi ieħor biex ikomplu jinsistu favur objettivi ekoloġiċi, għalkemm xi wħud ħassew li ċ-ċirkostanzi jiddettaw li l-għanijiet ekoloġiċi tagħna jerġgħu jiġu kkunsidrati, u saħansitra pprevedew ritorn għall-faħam fl-Ewropa. “Fatturi emerġenti ġodda, bħall-inflazzjoni, id-dejn, id-difiża, u l-enerġija, qed ibiddu kompletament l-istrateġija industrijali li għandna bżonn insegwu. L-awtonomija strateġika u d-difiża għandhom ikunu l-imperattiv il-ġdid tagħna,” ħeġġeġ l-MEP **Carlo Calenda**.

**Thomas Courbe**, Direttur Ġenerali għall-Intrapriża fil-Ministeru Franċiż tal-Ekonomija, il-Finanzi u l-Irkupru, jemmen ukoll li t-tranżizzjoni lejn enerġija sostenibbli tirrappreżenta opportunità biex nimmodernizzaw il-pedament industrijali tal-Ewropa. It-tranżizzjoni doppja trid trawwem kundizzjonijiet ġusti, inklużi dawk soċjali, għall-ħolqien tal-impjiegi, f'konformità mal-prinċipju li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. “L-għan għandu jkun li jitnaqqsu kemm jista' jkun l-emissjonijiet ta' gassijiet serra bl-inqas spiża soċjoekonomika possibbli,” żiedet tgħid **Sandra Parthie**, relatur tal-KESE dwar [Aġġornament tal-istrateġija industrijali l-ġdida](#).

Fl-aħħar nett, **Thierry Breton**, il-Kummissarju Ewropew għas-Suq Intern, tenna li fi żminijiet ta' tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jikbru, huwa essenzjali li nħeġġu l-iżvilupp ta' viżjoni koeżiva tal-Unjoni Ewropea u l-industriji tagħha. (gb/dm)



## L-aggressjoni li qed ti?vol?i kontra l-Ukrajna tenfasizza l-?tie?a g?al tis?i? ulterjuri tal-pro?ett tal-UE

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) organizza konferenza bit-titolu [Insawru l-Ewropa flimkien](#) L-għan ta' din il-konferenza, organizzata fid-dawl tal-konklużjoni tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, kien li tikkonkludi l-ħidma li saret s'issa mill-Kumitat u tiddiskuti s-sitwazzjoni attwali, l-isfidi li ġejjin u l-ambizzjonijiet għall-futur.

Il-President tal-KESE **Christa Schweng** fetthet id-dibattitu billi għamlet referenza għall-iżviluppi storiċi reċenti fl-Ukrajna u wieġbet għall-mistoqsija li saret fil-bidu dwar jekk huwiex il-mument opportun biex jiġi diskuss il-futur tal-Ewropa.

“L-aggressjoni kontra l-Ukrajna u l-poplu tagħha turi l-ħtieġa urġenti għal tisħiħ ulterjuri tal-proġett Ewropew u tal-valuri fundamentali tal-Ewropa, bħall-paċi, il-libertà u d-demokrazija”, qalet is-**Sinjura Schweng**.

Hija enfasizzat l-importanza ta' dan l-avveniment bħala okkażjoni biex nirriflettu dwar is-sitwazzjoni attwali u nevalwaw dak li seħħ f'dawn l-aħħar xhur.

Il-KESE wettaq inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni fl-Istati Membri kollha sabiex jiggarrantixxi rappreżentanza ġusta, jinvolti lil min iħaddem, lill-ħaddiema u lis-soċjetà ċivili organizzata kollha, u jwassal il-fehmiet tagħhom lill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Il-Kumitat adotta [riżoluzzjoni dwar in-narattiva ġdida għall-Ewropa](#) u ppubblika diversi ideat fuq il-pjattaforma online tal-Konferenza.

Fid-diskors tal-għeluq, **Clément Beaune**, Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropew fi ħdan il-Ministeru Franċiż għall-Affarijiet Ewropej u Barranin, qal: “Biex nimplimentaw il-proposti taċ-ċittadini jeħtieġ li jkollna dibattiti u deċiżjonijiet istituzzjonali, u l-KESE se jaġixxi bħala l-gwardjan biex jiżgura li dawn jissodisfaw l-aspettattivi tagħkom”.

Il-KESE kellu rwol ferm attiv fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa permezz tal-grupp ad hoc tiegħu, bħala osservatur tal-Bord Eżekuttiv tal-Konferenza, u bħala membru tal-plenarja. (ks)



## Je?tie? li nimxu flimkien f' din it-triq twila lejn l-ugwaljanza bejn il-?eneri

Il-Konferenza dwar in-Nisa fis-Suq tax-Xogħol organizzata mill-KESE biex ifakkar il-Jum Internazzjonali tan-Nisa saret fit-8 ta' Marzu fid-dell tal-gwerra. **Il-parteċipanti sellmu lin-nisa Ukreni rimarkabli għas-saħħa, il-qlubija u r-reżiljenza tagħhom.**

Fid-diskors inawgurali tagħha, il-President tal-KESE **Christa Schweng** irreferiet għan-nisa u l-bniet Ukreni li qegħdin jiġu kostretti jitolqu minn pajjiżhom u dan jifgħom f'riskju ogħla ta' vjolenza.

Bl-istess ħsieb, il-President tal-Grupp ad hoc dwar l-Ugwaljanza u membru tal-KESE, **Maria Nikolopoulou**, enfasizzat: "In-nisa, l-ommijiet, il-konjuġi jinsabu mwaħħlin f'żona ta' gwerra, ħafna minhom qegħdin isiru suldati huma stess, oħrajn qegħdin jippruvaw jaħarbu mill-atroċitajiet tal-attakki. Nagħqdu leħinna mas-soċjetajiet ċivili li qegħdin jappellaw biex il-gwerra tieqaf, fil-pajjiżi kollha".

Il-pandemija tal-COVID-19 kompliet twessa' d-disparità bejn il-ġeneri fl-impjegi u kkontribwixxiet ukoll għal żieda fil-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol.

Il-Kummissarju għall-Ugwaljanza, **Helena Dalli**, ħabbret li l-Kummissjoni Ewropea ser tippreżenta proposta għal direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika li għandha tkun vinkolanti fl-Istati Membri kollha.

Fir-rigward tas-settur tal-intelliġenza artifiċjali, in-nisa jikkostitwixxu biss 16 % tal-forza tax-xogħol, u dan ifisser li 84 % tal-irġiel jieħdu d-deċiżjonijiet kollha u t-tmexxija. "Jekk in-nisa jkunu assenti minn dawn is-setturi, dan ifisser li d-dinja l-ġdida kollha tagħna ser tissawwar mill-irġiel, bil-preġudizzju possibbli tagħhom", qalet is-Sinjura Schweng. (at)



## L-Ewwel Premjijiet tal-UE g'all-Produzzjoni Organika

Din is-sena 2022, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) se jorganizza b'mod konġunt l-ewwel **Premjijiet tal-UE għall-Produzzjoni Organika** mal-Kummissjoni Ewropea, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR), COPA-COGECA u IFOAM Organics Europe, bil-għan li tiġi rikonoxxuta l-eċċellenza u jiġu ppremjati l-aħjar u l-aktar atturi innovattivi fil-katina tal-valur tal-produzzjoni organika tal-UE.

Il-premjijiet #EUOrganic jinkludu 7 kategoriji u 8 premjijiet għall-**aħjar produzzjoni organika**:

1. bidwi (femminil u maskil)
2. re?jun
3. belt
4. bijodistrett
5. intrapri?i ?g?ar u ta' daqs medju
6. bejjieg? bl-immnut
7. ristorante

Il-[KESE](#), li ilu snin jirrakkomanda politika dwar l-ikel aktar sostenibbli u komprensiva fl-UE, se jkun responsabbli għal tliet premjijiet: l-aħjar SME organika, l-aħjar bejjiegħ bl-immnut tal-ikel organiku, u l-aħjar ristorante organiku. Il-formola ta' applikazzjoni hija disponibbli [hawnhekk](#).

**L-applikazzjonijiet online se jkunu miftuħa mill-25 ta' Marzu sat-8 ta' Ġunju 2022, u se jkunu disponibbli [hawnhekk](#).**

Se tiġi organizzata ċerimonja fil-[Jum Organiku tal-UE](#) fit-**23 ta' Settembru 2022**, fejn ir-rebbieħa se jippreżentaw il-proġetti innovattivi tagħhom u jingħataw rikonoxximent mhux finanzjarju.

Sfond

Il-Kummissjoni ddefiniet mira ta' 25 % tal-art agrikola tal-UE taħt biedja organika sal-2030. B'appoġġ għal dik il-mira, il-Kummissjoni adottat il-[Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika](#) f'Marzu 2021. Dan il-pjan ta' azzjoni huwa bbażat fuq il-kunċett li, sabiex jiġu stimolati l-produzzjoni organika u l-konsum tal-prodotti organiċi, huwa kruċjali li l-pubbliku jsir aktar konxju tal-karatteristiċi u l-benefiċċji tagħhom. Għalhekk, il-pjan ta' azzjoni jinkludi premjijiet annwali bħala waħda mill-istrateġiji biex jintlaħaq dan l-għan. (mr)

---



## Plenarja tal-KESE: l-akbar theddida g?at-tran? izzjoni klimatika hija li nibqg?u nistennew sakemm ikun tard wisq

Fis-sessjoni plenarja tiegħu tal-24 ta' Frar, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ippreżenta l-Opinjoni ["Lesti għall-mira ta' 55 %": Nilħqu l-mira klimatika tal-UE għall-2030 fi triqitna lejn in-newtralità klimatika](#). Il-KESE ressaq proposti konkreti biex jgħin ħalli jitħaffef il-pass tat-tranżizzjoni tal-enerġija, sabiex l-UE tkun tista' tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030.

It-tilħiq tal-miri riveduti tal-2030, kif propost fil-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %", se jkollu impatt mhux uniformi fuq ir-regġuni, il-komunitajiet u l-individwi madwar l-Ewropa.

Sabiex jiġi indirizzat dan it-tħassib, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea twettaq immappjar granulari tal-impatt li t-tranżizzjoni se jkollha fuq l-impjeg u l-ħiliet fil-pajjiżi, ir-regġuni u s-setturi differenti, inkluż fuq is-sottokuntratturi u l-ktajjen tal-valur downstream.

Jeħtieġ li nibdew mudell li jirriżulta f'ekonomija prospera, sostenibbli u kompetittiva. B'hekk, il-KESE qed jirrakkomanda li l-proposti leġiżlattivi kollha mressqa fil-qafas tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" għandhom ikunu soġġetti għal verifika tal-kompetittività sabiex l-implikazzjonijiet sħaħ fuq l-intrapriżi jkunu mifhuma sew.

L-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet ewlenin tas-soċjetà ċivili għandhom rwol importanti x'jaqdu u jridu jkunu involuti kemm fil-fażijiet tal-ippjanar kif ukoll f'dawk tal-implimentazzjoni tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %".

Għaldaqstant, "il-KESE jappoġġja l-istabbiliment tal-'**Kummissjonijiet ta' Tranżizzjoni Ġusta**' tripartitiċi biex jippermettu lill-awtoritajiet reġjonali, lill-imsieħba soċjali u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali u reġjonali ta' tranżizzjoni ġusta", enfasizza **s-Sur Lohan**.

L-indirizzar tat-tibdil fil-klima se jkollu implikazzjonijiet finanzjarji, soċjali u ambjentali enormi. "Din hija r-raġuni għaliex jeħtieġ li niżguraw li l-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" ikun pass importanti, aktar milli ostaklu, lejn ekonomija Ewropea newtrali f'termini ta' emissjonijiet netti sal-2050," indika **s-Sur Mallia**. (mr)



## Il-miżuri għall-qliegħ kontra l-pandemija huma eżzjonali u ma jridux ikunu għad-detriment tal-valuri kondiviżi tal-UE

Miżuri ta' emerġenza meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi f'ċirkostanzi straordinarji għandhom dejjem ikunu strettament proporzjonati, limitati b'mod ċar fiż-żmien u sorveljati mill-qrib. Huma u jindirizzaw il-plenarja tal-KESE fit-23 ta' Frar 2022, **Christa Schweng**, il-President tal-KESE u **Věra Jourová**, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Valuri u t-Trasparenza, ħadu pożizzjoni soda.

B'referenza għall-kriżi tal-COVID-19 u l-istat ta' emerġenza ddikjarat minn ħafna Stati Membri tal-UE biex jiproteġu s-saħħa pubblika, li rriżultaw f'restrizzjonijiet fuq diversi drittijiet u libertajiet fundamentali, **Is-Sinjura Schweng** qalet: "Il-pandemija hija test tal-istress għas-soċjetajiet tagħna u għad-demokrazzi tagħna. Mill-perspettiva tad-

drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u d-demokrazija, il-KESE ħass li kien essenzjali li s-sitwazzjoni tiġi mmonitorjata mill-qrib. Aħna smajna b'mod partikolari lill-atturi tas-soċjetà ċivili rigward il-konsegwenzi, l-isfidi u l-istrateġiji ta' ħruġ relatati mal-kriżi. Jeħtieġ li l-UE toħroġ mill-kriżi tal-COVID-19 u ssaħħaħ il-valuri komuni tagħha."

**Is-Sinjura Jourová** enfasizzat li l-pandemija tal-COVID-19 uriet bil-qawwa kemm id-drittijiet fundamentali u l-valuri demokratiċi tagħna kienu vitali għall-ħajja tagħna ta' kuljum u kif dawn ma setgħux jittieħdu bħala fatt: "Tagħlima importanti mill-kriżi tas-saħħa kienet li l-miżuri meħtieġa għall-qliegħ kontra l-pandemija m'għandhomx jittieħdu għad-detriment tal-protezzjoni tal-valuri demokratiċi u d-drittijiet fundamentali. Jeħtieġ li nkunu vigilianti u niddefendu d-drittijiet fundamentali u l-valuri komuni tagħna, li għandhom ikunu ċentrali għar-rispons tagħna għall-COVID-19."

Il-pożizzjoni tal-KESE dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt madwar l-UE u l-futur tad-demokrazija ġiet deskritta fl-[Opinjoni](#) ppreżentata mill-Grupp dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt tal-KESE, abbozzata minn **José Antonio Moreno Díaz** u **Cristian Pîrvulescu**. Fid-dokument, adottat mill-plenarja, il-Kumitat jirrimarka li l-miżuri speċjali biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-COVID-19 għandhom jibqgħu eċċezzjonali u limitati fiż-żmien, u m'għandhomx imorru kontra l-istat tad-dritt jew jipperikolaw id-demokrazija, is-separazzjoni tas-setgħat u d-drittijiet fundamentali tal-abitanti Ewropej. (mp)



## It-tranżizzjoni ekoloġika fit-trasport bl-ilma trid tqis is-saħħa tan-nies

**L-ekoloġizzazzjoni tat-trasport marittimu u fl-ilmijiet navigabbli interni trid tqis is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjonijiet li jgħixu qrib il-kanali tan-navigazzjoni jew il-portijiet. Dan huwa l-messaġġ ewlieni tal-Opinjoni tal-KESE li tfasslet minn Pierre Jean Coulon, u li ġiet adottata fis-sessjoni plenarja ta' Frar tal-Kumitat.**

Fl-Opinjoni, il-KESE jindirizza d-dimensjoni soċjali tal-kwistjonijiet marbuta mat-trasport marittimu lokali u reġjonali, u jagħmel rakkomandazzjonijiet li huma essenzjali għat-tisħiħ fil-futur tal-ekonomija l-blu, u li jikkomplementaw il-konklużjonijiet taż-żewġ Opinjonijiet li ġew adottati reċentement: [FuelEU Maritime](#) (TEN/751) u [NAIADES III](#) (TEN/752).

Waqt li kien qed jikkellem mill-marġni tas-sessjoni plenarja, is-**Sur Coulon** qal: “Neħtieġu approċċ innovattiv u sostenibbli li jikkombina l-oġettivi ekoloġiċi u tas-saħħa. Fit-trasport marittimu, hemm bżonn ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati kollha fir-raggruppament u l-katina tal-provvista biex jintlaħaq l-għan aħħari. Hija meħtieġa wkoll kooperazzjoni mill-qrib biex jiġu żgurati l-benefiċċji evidenti tal-ħolqien ta' terminals intermodali, li jippermettu l-iżvilupp tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni fil-bliet u jikkontribwixxu għal kwalità tal-ħajja aħjar”.

It-trasport marittimu jammonta għal madwar 75% tat-trasport tal-merkanzija fl-UE. Għalhekk huwa ferm importanti li jinstab bilanċ bejn l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali permezz ta' approċċ integrat. L-awtoritajiet tal-port u l-partijiet interessati fis-settur tat-trasport għandhom jaħdmu flimkien mal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jiġu kkunsidrati mill-ġdid ir-rabtiet bejn il-bliet, il-portijiet u l-modi ta' trasport.

Tħassib ieħor li jeħtieġ li jiġi indirizzat huwa it-taħriġ tal-persunal, il-prospetti ta' impjieg, it-trattament inugwali bejn l-irġiel u n-nisa, u l-bidliet profondi li ġabu magħhom id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-impjieg. (mp)



## Il-KESE jgħid li l-UE teġtie? li tibdel għal qafas ekonomiku orjentat lejn il-prosperità

**Il-KESE u d-DĠ ECFIN organizzaw konferenza online dwar il-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE bħala parti mid-dibattitu pubbliku relatat. L-avveniment kellu l-għan li jinvolvi lis-soċjetà ċivili bil-ħsieb li jinbena kunsens dwar il-futur tal-qafas ta' governanza ekonomika.**

Il-President tal-KESE **Christa Schweng** fetħet billi ddikjarat li “minflok ritorn għan-normal, aħna nirrakkomandaw bidla għal qafas ta' governanza ekonomika rivedut u bilanċjat mill-ġdid orjentat lejn il-prosperità.” Hija enfasizzat ukoll il-ħtieġa li jiġu involuti l-partijiet interessati ewlenin kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Imbagħad segwa l-Kummissarju għall-Ekonomija, **Paolo Gentiloni**, li ddikjara li “il-bini ta' kunsens fil-ħin għall-2023 mhux se jkun biċċa xogħol faċli, iżda rridu naħtfu din l-opportunità unika biex nallinjaw ir-

regoli fiskali tagħna mal-ambizzjoni tagħna għal tkabbir b'saħħtu, sostenibbli u inklużiv fl-Ewropa”. **Il-Membru tal-Parlament Ewropew Margarida Marques** imbagħad ippreżentat ir-rapport tal-PE dwar ir-reviżjoni tal-qafas leġislattiv makroekonomiku, u kienet segwita minn diskussjoni tal-panel. L-aħħar parti kienet iddedikata għal kif qafas ta' governanza ekonomika mġedded jista' jsołvi l-isfida tad-diskrepanza fl-investment sabiex tinkiseb it-tranżizzjoni doppja. Ir-relatur tal-KESE **Dominika Biegon** ippreżentat l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja tagħha dwar “Riforma tal-qafas fiskali tal-Unjoni Ewropea għal irkupru sostenibbli u tranżizzjoni ġusta”. (tk)

---



## Direttur ʔdid tal-KESE gʔall-Komunikazzjoni u r-Relazzjonijiet Interistituzzjonali

**Alexander Kleinig** huwa d-Direttur il-ʔdid tal-KESE gʔall-Komunikazzjoni u r-Relazzjonijiet Interistituzzjonali. Is-Sur Kleinig beda l-karriera tiegħu fil-Parlament Ewropew fl-1996 bħala amministratur tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali. Fl-2005 ingħaqad mad-DĠ COMM tal-Parlament Ewropew bħala direttur ta' proġett għaċ-ċentru tal-viżitaturi, fejn ħa ħsieb it-tnedija u l-ġestjoni tal-Parlamentarium bejn l-2011 u l-2018.

“Ninsab impressjonat bil-livell ta' kwalità tad-dibattiti u l-professjonaliżmu tal-persunal tal-Kumitat. Kull fejn immur qed niltaqa' ma' kollegi li huma impenjati, kburin b'xogħolhom u entużjasti. Jiena wkoll emozzjonat b'mod sinċier mill-merħba amikevoli li rċevejt mill-persunal tad-Direttorat D. Nixtieq nieħu din l-opportunità biex niringrazzja lill-predeċessur tiegħi, is-Sinjura Eleonora Di Nicolantonio, li ħadet ħsieb tant tajjeb tal-ġestjoni tad-direttorat fil-passat.”

## AʔBARIJET MILL-GRUPPI



### Il-qawmien ta' Ewropa ʔdida

**Minn Stefano Mallia, President tal-Grupp ta' Min lħaddem tal-KESE**

**“Inkunu reqdin sakemm insiru nħobbu!” Leo Tolstoy jikteb dan b'mod brillanti fil-kapulavur etern tiegħu “Il-Gwerra u l-Paċi”.**

**Vladimir Putin messu qara xogħol il-kompatrijott tiegħu biex jifhem li l-Ewropa jaf kienet rieqda meta r-Russja annessat il-Krimea, iżda li kontinent magħqud li esperjenza żewġ gwerer dinjija fuq artu ma setgħax jibqa' rieqed għal dejjem.**

U hekk ġara: l-Ewropa saret tħobb lill-Ukrajna u stenbħet. Dawn l-aħħar ġranet rajna kontinet li beda jsir iħobb pajjiż li qed jiġġieled kontra l-aggressjoni, jiġġieled għall-awtodeterminazzjoni, il-libertà u l-valuri demokratiċi tiegħu.

Eżatt wara l-bidu tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, l-UE għaddiet miżuri li kienu inkonċepibbli ftit xhur ilu. Il-gwerra fl-Ukrajna qed toħroġ fid-dieher l-umanità tal-UE u taċ-ċittadini tagħha, li qed ipoġġu l-libertà u l-paċi qabel l-interessi u l-kummerċ.

Mal-ħakka t'għajn, l-UE adottat l-akbar pakkett ta' sanzjonijiet fl-istorja tal-Unjoni, li jolqot lis-sistema finanzjarja tar-Russja, l-industrija ta' teknoloġija avvanzata u l-elit korrott tagħha. Dawn is-sanzjonijiet se jkollhom impatt qawwi fuq l-ekonomija Russa u fuq il-Kremlin. Se jkunu ta' spiża wkoll għall-ekonomija Ewropea.

Il-qawmien tal-Ewropa jidher fl-ispettru politiku kollu. Jekk l-Ewropa trid tkompli tgħix fil-paċi, fl-aħħar trid tibni politika barranija b'saħħitha u politika ta' difiża komuni. It-tabù għeb hekk kif erġajna rajna l-gwerra fil-kontinent tagħna.

L-UE kellha terġa' tiskopri x-xewqa tagħha għall-paċi biex tkompli tibni l-viżjoni tagħha. Putin, aktar milli qasam l-Ewropa, għaqqadna lkoll fit-triq lejn din il-missjoni.

Aqra l-artikolu kollu f'<https://timesofmalta.com/articles/view/the-awakening-of-a-new-europe-stefano-mallia.938838> (dv/kr)



## Jum Internazzjonali tan-Nisa 2022

**Minn Maria Nikolopoulou, membru tal-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE**

**Il-kommemorazzjoni ta' din is-sena tal-Jum Internazzjonali tan-Nisa ġiet affettwata mill-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna. Iż-żewġ avvenimenti jagħmluha ċara li d-drittijiet tan-nisa jisfawxaw fi żminijiet ta' instabbiltà politika, soċjali u ekonomika.**

Rajna li l-ħaddiema nisa sofrew aktar minħabba t-telf tal-impjegi tagħhom waqt il-pandemija, u minħabba li, waqt it-telexogħol, ma ġewx affettwati bl-istess mod bħall-irġiel rigward il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol, u l-vjolenza domestika żdiedet waqt il-lockdowns. L-inugwaljanzi strutturali ta' qabel il-pandemija ġew aggravati.

Il-gwerra tibdel il-prijoritajiet u l-ġlieda għas-sopravivenza għandha tiġi l-ewwel. In-nisa fir-rwoli differenti tagħhom – ommijiet, persuni li jindukraw lil oħrajn, ħaddiema, ġellieda, refuġjati – se jkunu qed isofru kemm fiżikament kif ukoll psikoloġikament, u l-unika għażla tagħhom hija li jirreżistu u jimxu 'l quddiem.

Il-moviment tat-Trade Unions u l-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE huma lesti u fid-dmir li juru solidarjetà man-nisa kollha li s-sopravivenza u d-drittijiet tagħhom jinsabu taħt attack bħalissa. Nisa minn kull rokna tad-dinja, ingħaqdu biex nerġġu nistabbilixxu l-paċi u nibnu futur ġust u prosperu għal kulħadd!



## [L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-UE27 jappellaw għal azzjoni klimatika immedjata mmexxija ta't il-patroġinju tagħhom](#)

### **Mill-Grupp Diversità Ewropa tal-KESE**

**F'konferenza ġewwa Pariġi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili minn madwar l-Ewropa appellaw għal tranżizzjoni klimatika u tal-enerġija ġusta u inklużiva, li tinvolvi liċ-ċittadini, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, liż-żgħażaġh.**

Huma jikkunsidraw li d-dialogu, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni f'kull livell huma prerekwiżit għas-suċċess, flimkien ma' investiment kbir fit-tnejja ta' pjani ta' emerġenza u fl-adattament għat-tibdil fil-klima u għat-tranżizzjoni tal-enerġija. Għandhom jizjedu r-riżorsi finanzjarji sostenibbli, sostnuti minn impenji b'saħħithom mill-awtoritajiet pubbliċi, in-negozji, is-

soċjetà ċivili u ċ-ċittadini, u jeħtieġ li jizjedu wkoll l-enerġija rinnovabbli, bi prezzijiet raġonevoli, imrawma domestikament u l-konsum effiċjenti.

Il-Grupp Diversità Ewropa tal-KESE ospita l-**konferenza ibrida** dwar "[It-Tibdil fil-Klima u t-Tranżizzjoni tal-Enerġija](#)" fit-2 ta' Marzu li saret fl-Académie du Climat. L-avveniment indirizza l-aspetti multidimensjonali u interrelatati tas-suġġett, inklużi d-dimensjonijiet soċjali u ġeopolitiċi, ir-rwol tar-reklamar u l-attitudnijiet taċ-ċittadini, kif ukoll l-azzjonijiet lokali, nazzjonali u Ewropej.

**Séamus Boland**, President tal-Grupp Diversità Ewropa, fetaħ il-konferenza billi enfasizza l-urġenza ta' azzjoni immedjata u effiċjenti dwar it-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni tal-enerġija, anke fid-dawl tar-rapport tal-Grupp IPCC fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti dwar it-tibdil fil-klima, li ġie ippreżentat fil-marġini tal-konferenza. "It-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni tal-enerġija huma suġġetti urġenti u li jikkonċernawna lkoll. Bħall-paċi, dan jinvolve l-futur komuni tagħna. Jinvolvi wkoll il-valuri u l-umanità tagħna. U għal din ir-raġuni, għandna bżonn nindirizzaw dawn is-suġġetti, anke f'dan il-perjodu ta' kriżi," huwa qal.

**Is-Sur Boland** enfasizza r-rwol ewlieni tas-soċjetà ċivili biex tixpruna u żżomm il-momentum fir-rigward tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih fost il-komunitajiet u ċ-ċittadini. Huwa enfasizza li ...

Aktar qari: l-istqarrija għall-istampa sħiħa dwar il-konferenza tal-Grupp Diversità Ewropa hija disponibbli hawnhekk: [L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-UE27 jappellaw għal azzjoni klimatika immedjata mmexxija taħt il-patroġinju tagħhom | Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew \(europa.eu\)](#)

Ara l-preżentazzjonijiet tal-kelliema mistiedna u r-ritratti hawnhekk: [It-Tibdil fil-Klima u t-Tranżizzjoni tal-Enerġija | Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew \(europa.eu\)](#)

---

## SOON IN THE EESC/CULTURAL EVENTS




## L-avvenimenti kulturali tal-KESE

**Il-Konferenza tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari (ECESP) 2022 u l-Jum Internazzjonali tan-Nisa ġew iċċelebrati permezz ta' espressjonijiet kulturali differenti.**

Fit-2 ta' Marzu ġie organizzat avveniment mużikali mit-trio internazzjonali tal-perkussjoni **TrashBeatz**, grupp mużikali li joħloq mużika biż-żibel. Is-slogan tagħhom "riduzzjoni, riużu u riċiklaġġ taż-żibel tiegħek" qabel perfettament mas-suġġett tal-Konferenza tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari ta' din is-sena. Jekk tlift dan l-avveniment xorta tista' [tarah online](#).

Il-KESE ospita [spettaklu artistiku bl-isem "...għax jien mara?"](#) mill-artista żagħżuġha Pollakka ta' talent, Patrycja Alenuć. Il-filmat kien fih

spettaklu ta' żfin ikkumplimentat mir-rakkontar tal-istess. Il-kunċett kien iffukat fuq l-enfasi ta' kif in-nisa huma reżiljenti minkejja li ma ngħatawx biżżejjed appoġġ irrispettivament mill-età, il-klassi, il-pajjiż li jgħixu fih, il-professjoni tagħhom jew fatturi oħra. "... għax jien mara?" kien wieħed mill-punti ewlenin tal-Konferenza dwar in-Nisa fis-Suq tax-Xogħol, tal-KESE, bil-filmat li wassal l-avvenimenti tal-ġurnata għal konklużjoni artistika. (ck)



## L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2022!

**L-avveniment taż-żgħażaġħ 'L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2022!' se jsir kompletament mill-bogħod fil-31 ta' Marzu u l-1 ta' April 2022. "Il-verità dwar il-gideb. Iż-żgħażaġħ kontra l-isfida tad-diżinformazzjoni" huwa s-suġġett li l-istudenti tal-iskola se jiddibattu dwaru.**

Iż-żjarat mill-membri tal-KESE f'għadd ta' skejjel nazzjonali magħżulin xorta se jsiru fil-25 ta' Marzu. Sadattant, l-istudenti qed jistennew bil-ħerqa li jipparteċipaw fil-31 ta' Marzu u l-1 ta' April. Il-Viċi President Eżekuttiv u **Kummissarju Jourova** se tindirizza lid-99 student matul is-sessjoni tal-għeluq tal-plenarja taż-żgħażaġħ biex tilqa' r-

rakkomandazzjonijiet tal-assemblea taż-żgħażaġħ u tirreaġixxi għat-talbiet ta' politika. Tinsewx issegwu l-kontinju tal-media soċjali tal-avveniment 'L-Ewropa Tiegħek, Leħnek' biex tiksbu aktar feedback billi tagħfsu l-link: <https://www.facebook.com/youreuropeyoursay>.

Il-programm huwa disponibbli [online](#). (ck)

Editor

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)  
Daniela Marangoni (dm)

## Il-kontributuri g?al din l-edizzjoni huma

Amalia Tsoumani (at)  
Chrysanthi Kokkini (ck)  
Daniela Marangoni (dm)  
Daniela Vincenti (dv)  
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)  
Jasmin Kloetzing (jk)  
Karen Serafini (ks)  
Katharina Radler (kr)  
Katerina Serifi (ks)  
Laura Lui (ll)  
Marco Pezzani (mp)  
Pablo Ribera Paya (prp)  
Thomas Kersten (tk)

## Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)  
Katerina Serifi (ks)

Technical support  
Bernhard Knoblach (bk)

## Indirizz

Kumitat Ekonomiku u So?jali Ewropew  
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040  
Brussell, il-Bel?ju  
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86  
Indirizz elettroniku: [eescinfo@eesc.europa.eu](mailto:eescinfo@eesc.europa.eu)

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b?ala r-rapport uffijjali tal-?idmiet tal-KESE; g?al dawn, jekk jog??bok irreferi g?all-?urnal Uffijjali tal-Unjoni Ewropea jew g?al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissemma b?ala s-sors u tintbag?at link lill-EDITOR.

04/2022